L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U L-ISPORT

# Politika dwar il-Protezzjoni tad-Data
# L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

## 1. Introduzzjoni

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE) 2016/679 (GDPR), l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data (Kap 440) u l-Att dwar l-Edukazzjoni (S.L.440.09 – 2015) jirregolaw l-ipproċessar ta' informazzjoni personali kemm b'mod elettroniku kif ukoll b'mod manwali. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu taħdem f'konformità sħiħa mal-Prinċipji ta' Protezzjoni tad-Data kif stabbilit skont il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data.

## 2. L-iskopijiet għall-ġbir ta' informazzjoni personali

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tiġbor u tipproċessa l-informazzjoni sabiex twettaq l-obbligi tagħha f'konformità mal-leġiżlazzjoni preżenti. L-informazzjoni kollha hija miġbura u pproċessata f'konformità mal-Leġiżlazzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Politika taż-Żamma u l-Aċċess tad-Data.

## 3. Riċevituri tad-data

L-informazzjoni personali tiġi aċċessata mill-ħaddiema tal-Aġenzija, jew minn persuni taħt kuntratt ta' servizz li huma assenjati sabiex iwettqu s-servizzi tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu. Dettalji personali jiġu żvelati lill-ħaddiema tal-Aġenzija li jagħmlu parti mill-programm ikkonċernat. Id-dettalji personali jistgħu jiġu żvelati wkoll lil terzi persuni skont kif stipulat bil-liġi.

## 4. Id-drittijiet tiegħek

Inti intitolat/a li tkun taf, mingħajr ebda ħlas, it-tip ta' informazzjoni li għandha l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu dwarek, kif din qed tiġi pproċessata u għaliex, min għandu aċċess għaliha, kif qed tiġi miżmuma u aġġornata, għal kemm żmien tinżamm, u x'inhi tagħmel l-Aġenzija sabiex tkun konformi mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data.

Il-GDPR stabbilixxiet proċedura formali biex titratta talbiet għall-aċċess tad-data. Kulħadd għandu dritt li jaċċessa kwalunkwe informazzjoni personali miżmuma dwaru mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, elettronikament jew manwalment. It-talbiet għall-aċċess ta' informazzjoni personali għandhom ikunu bil-miktub u jintbagħtu lill-Kontrollur tad-Data. Id-dettalji ta' identifikazzjoni, bħan-numru tal-ID, l-isem u l-kunjom, għandhom jiġu sottomessi mat-talba għall-aċċess tad-data. F'każ li niltaqgħu ma' diffikultajiet fl-identifikazzjoni, wieħed jista' jiġi mitlub li jippreżenta dokument ta' identifikazzjoni.

L-Aġenzija tħabrek biex tkun konformi mat-talbiet għall-aċċess ta' informazzjoni personali malajr kemm jista' jkun, u tiżgura li jiġi provdut f'perjodu ta' żmien raġonevoli: mhux aktar minn xahar mill-ġurnata li tiġi kkonfermata t-talba, sakemm ma jkunx hemm raġuni valida għad-dewmien. Meta talba għall-aċċess ma tkunx tista' tintlaħaq f'perjodu ta' żmien raġonevoli, ir-raġuni għandha tiġi spjegata bil-miktub lil min għamel it-talba. Fil-każ li jkun hemm ksur ta' data personali, il-persuna kkonċernata tiġi infurmata.

Kulħadd għandu d-dritt li jitlob li l-informazzjoni dwaru tiġi emendata, imħassra jew ma tiġix użata f'każ li l-informazzjoni tkun żbaljata.

Tista' tibgħat ittra elettronika **lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data** fuq dpo.nla@ilearn.edu.mt jew billi ċċempel 2598 2997.

Tista' tikkuntattja lill-Kontrollur tad-Data fuq:

Il-Kap Eżekuttiv
L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu
Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu
Triq Joseph Abela Scolaro
Il-Ħamrun HMR 1304
Numru tat-telefown: 2598 2907
Indirizz elettroniku: david.muscat.4@ilearn.edu.mt

F'każ li m'intix sodisfatt bir-riżultati tat-talba għall-aċċess tad-data, tista' tirreferi l-ilment tiegħek lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data. Dawn li ġejjin huma d-dettalji ta' kuntatt tiegħu:

Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data
Level 2, Airways House,
Triq il-Kbira,
Tas-Sliema. SLM 1549
Numru tat-telefown: 2328 7100
Indirizz elettroniku: idpc.info@gov.mt